MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 42

Il-Ħamis, 21 ta' Lulju, 2022

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' permezz ta' Microsoft Teams meeting fid-09:30.

**PREŻENTI:**

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier
George Camilleri – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 42.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

42.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti taż-żewġ laqgħat preċedenti, li kienu meqjusa moqrija.

42.1.2 Il-minuti kienu approvati unanimament u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 42.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza;

42.2.1 Is-Sindku qal li bi pjaċir kellu applikazzjoni għall-ambaxxatur mingħand Clyde Cauchi. Il-Kunsill qabel unanimament mal-ħatra tal-ambaxxatur il-ġdid taz-zgħazagħ ta' Clyde Cauchi.

42.2.2 Is-Sindku qal li ġie infurmat mid-DG Vicky Xuereb li sal-ġimgħa tal-festa, il-monument ta' San Lawrenz ser ikun lest.

42.2.3 Is-Sindku qal jipproponi li nagħtu €300.00 bħala għajnuna fl-ispejjez għall-attivita' tat-tfal li ser titella nhar il-Ħadd qabel il-festa. Il-Kunsill qabel unanimament..

42.2.4 Is-SE qalet li daħlet email mingħand id-dipartiment tal-kultura fejn ġejna infurmati li l-applikazzjonijiet għall-fondi ġew milqugħa, dawn kien jinkludi 'Pacem in Terris' għall-ammont ta: €1,500 u 'Serata ta' Għana' għall-ammont ta: €3,000.

42.2.5 Is-SE qalet li ħarġu zewġ applikazzjonijiet ta' espressjoni ta' interess mid-DLG, SPI/SCI/7/2022 - Espressjoni ta' Interess - World Cleanup The World Campaign 2022 u Finanzjament Milied 2022 SPI/SCI/08/2022.

SPI/SCI/7/2022 - Espressjoni ta' Interess - World Cleanup The World Campaign 2022 – tinkludi ħasil tat-toroq, bowsers, xiri ta' affarijiet ta' bzonnijiet neċessarji waqt il-clean up bi spiza totali ta: €3,000.

SPI/SCI/08/2022 Finanzjament Milied 2022 – tinkludi finanzjament għall-events

Bi spiza totali ta: € 40,005,20.

Wara rizoluzzjoni li għaddiet b'mod unanimu, sar qbil li napplikaw għaz-zewġ applikazzjonijiet.

42.2.6 Is-SE qalet li irċivejna email li l-Kunsill ingħata fondi għall-"Development Programme 2014-2020 Measure 4.3 - Support for investments in infrastructure related to development, modernisation or adaptation of agriculture and forestry Road Improvements for Farmers In San Lawrenz" għas-somma €27,692.69 għal-Passaġġ fi Triq il-Wileġ. Is-Sindku kompla jgħid li għat-toroq l-oħra li applikajna għalihom li l-Kunsill ma ingħatax fondi għalihom, saqsa x'kienet

ir-raġuni għala ma ngħatawx. Minn informazzjoni li kiseb jidher li l- applikazzjoni ser terġa toħroġ u b'hekk inkunu nistgħu napplikaw għat-toroq l-oħrajn.Is-Sindku talab lill-perit li ħadem fuq dawn l-applikazzjonjiet sabiex jippreparahom mill-ġdid skont ir-rekwiżiti li ser jintalbu biex b'hekk inkunu ppreparati għal din l-applikazzjoni l-ġdida. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 42.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

42.3.1 Il-Viċi Sindku Anthony Formosa qal li ħafna mit-tabelli tad-Dwejra huma neqsin. Sar qbil biex nerġew napplikaw fuq GozoLC sabiex jitwaħħlu mill-Ministeru.

## 42.4 Festa 2022;

42.4.1 Is-Sindku qal li hemm bzonn ta' security officials fi zmien il-festa sabiex jizguraw li kollox ikun għaddej bla periklu. Hu kompla jgħid li l-ispiza se tkun madwar €1,000 għall ġimgħa tal-festa. Is-Sindku qal li apparti hekk, hemm bzonn li nikru mobile toilets peress li m'għandniex lattrina pubblika. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 42.5 Club tax-Xitwa għat-Tfal;

42.5.1 Is-Sindku qal li l-programm tal-korsijiet tas-sajf tat-tfal intlaqa tajjeb ħafna u għalhekk qed jipproponi li jipprepara programm għax-xitwa. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 42.6 Manutenzjoni fi Triq ir-Rokon;

42.6.1 Is-Sindku qal li kellmu resident fi Triq ir-Rokon u infurmaħ li hemm periklu fejn it-tarmac jieqaf madwar erbgħa piedi 'l bogħod mill-bankina. Il-Kunsill qabel unanimament li nġibu kwotazzjoni sabiex issir bit-tarmac.

## 42.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

42.7.1 Il-Kunsillier Gorg Camilleri qal li hu qatt m'hu se jaqbel mal-pagament tal-kuntrattur għal-ftuħ taċ-Ċentru tad-Dwejra, għax huma spejjeż żejda għall-Kunsill.

42.7.2 Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti u ġiet iffirmata l-iskeda ta' pagamenti.

## 42.8.1 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

42.8.1 Il-laqgħa intemmet fl-10:00 u sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 31 ta' Awissu 2022 fl-09:30.

Noel Formosa
Sindku

Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv